# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Marzu 2016**

**Numru 6**

**Rikors numru 842/14 JZM**

**Samchrome FZE, socjeta` estera irregistrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE) u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2014 l-isem tas-socjeta` attrici gie jaqra Dr Kenneth Grima bhala mandatarju specjali ta' Samchrome FZE socjeta` estera registrata fl-Emirati Arab Uniti (UAE)**

**v.**

1. **Danko Koncar f'ismu proprju;**
2. **Dr Renald Micallef bhala stralcarju tas-socjeta` KDK Limited, qabel Samchrome Limited (C35840), u ghan-nom tal-istess socjeta` KDK Limited;**
3. **Dr Renald Micallef f'ismu proprju;**
4. **Donatella Bondin f'isimha proprju, u bhala stralcarja antecedenti ta' KDK Limited, ghall-perjodu ta' bejn il-hatra taghha bhala tali u s-sussegwenti rizenja.**

**Il-Qorti:**

Rat it-talba tal-konvenut Dr Micallef biex jisporga l-kontumacja tieghu billi naqas li jipprezenta risposta guramentata fiz-zmien preskritt mill-ligi;

Rat id-decizjoni tal-Prim'Awla tal Qorti Civili moghtija fit-30 ta' April 2015 illi permezz taghha cahdet it-talba tal-konvenut Micallef biex jisporga l-kontumacja tieghu bl-ispejjez kontra tieghu u ordnat it-tkomplija tal kawza;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

"**IV.** **<u>Gurisprudenza</u>**

"Il-gurisprudenza taghna hija konkordi dwar il-principji li jirregolaw il-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dwar dawn il-principji hemm ampja riferenza fis-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/LSO</u>**) fis-17 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**<u>Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et</u>"** fejn inghad hekk :-

*"Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja :-*

"*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja ;*

"*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza ;*

"*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta ;*

"*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu*

"*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill- volonta` tal-kontumaci ;*

"*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa ;*

"*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili" ;*

*"(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

"*Kif intqal fis-sentenza* ***Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia*** *(A.C. 16 ta' Frar 1996) :-*

> *"F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

"*Fil-kawza fl-ismijiet "****Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd****", deciza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li :-*

> *"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici," deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)*

"**V. Risultanzi**

"**Abbazi ta` dak li ppremetta fir-rikors tieghu u ta` dak li xehed fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2015, il-Qorti tiddikjara li Dr. Renald Micallef ma ppruvax ghas-sodisfazzjon taghha - kif trid il-ligi - li kellu raguni tajba ghala ma pprezentax ir-risposta guramentata, fi zmien ghoxrin jum mid-data li fiha kien notifikat - kemm *de***

***proprio* <u>kif ukoll</u> *nomine* – bir-rikors guramentat, bid-dokumenti li kienu annessi mieghu u bl-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza.**

"Mhuwiex kontestat illi Dr. Renald Micallef kien notifikat *di persona* fit-13 ta` Ottubru 2014 bir-rikors guramentat, bid-dokumenti li kienu annessi mieghu u bl-avviz tal-ewwel dehra tal-kawza. Fil-fatt jirrizulta li kien notifikat b`**<u>zewg</u>** *sets* ta` l-istess atti, billi fil-kawza tal-lum, qieghed jigi mharrek kemm *proprio* kif ukoll *nomine*.

"Ir-raguni li gab Dr Micallef biex jiggustifika ruhu ma tikkwalifikax bhala "gusta kawza".

"Din il-Qorti hija tal-fehma illi Dr Micallef kien sbriggjattiv u superficjali ghall-ahhar meta ttratta z-zewg *sets* ta` atti li kien ircieva bhala *actioned.* Ghax dak jindika li mqar ittawwal lejn il-kontenut tal-atti qabel ghamilhom *actioned.*

"Il-Qorti ma tistax twarrab bhal donnu bla sinjifikat partikolari l-fatt illi Dr Micallef mhux biss huwa accountant ghal 29 sena izda ilu wkoll avukat ghal 11-il sena.

"Ghal din il-Qorti s-superficjalita` ta` Dr Micallef fil-mod kif ittratta l-atti li kien notifikat bihom imbaghad f`kawza daqstant serja, u b`konsegwenzi daqstant gravi, hija kolpuza.

"Ir-ragunijiet li gab Dr. Micallef sabiex isostni l-kontumacja tieghu ma jikkwalifikawx bhala "impediment legittimu".

"Din il-Qorti tirrimarka wkoll illi ghalkemm kien notifikat bl-atti fit-13 ta` Ottubru 2014, u pprezenta r-rikors tal-lum fit-12 ta` Dicembru 2014, ma hassx li kellu jidher quddiem il-Qorti fis-seduta ta` wara l-presentata tar-rikors u cioe` fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2015.

"Fil-kaz tal-lum, in-nuqqas ta` Dr Micallef li jippresenta risposta guramentata fit-terminu prefiss mil-ligi ma jikkwalifikax bhala "impediment legittimu" ghaliex in-nuqqas tal-presentata tar-risposta guramentata da parti tieghu ma jistax jigi skarikat fuq l-avukat tieghu, u kwindi ma jikkwalifikax bhala att jew omissjoni *indipendenti mill-volonta` tieghu*.

"Dr Micallef xehed dak li haseb, pero` dak li haseb kien

<u>manifestament</u> zbaljat ghal ragunijiet mhux imputabbli lil haddiehor, izda mputabbli lilu u lilu biss.

"Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-izball ta` Dr Micallef ma kienx invincibbli.

"**<u>Provvediment</u>**

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u b`applikazzjoni ta` l-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-konvenut Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* kif dedotta fir-rikors tieghu tat-12 ta` Dicembru 2014, u ghalhekk tikkonferma li l-istess Dr. Renald Micallef *proprio et nomine* huwa kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

"**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**"

Rat id-digriet tat-2 ta' Gunju 2015 moghti mill-istess Qorti fejn gie moghti l-permess lil konvenut biex jappella minn dik is-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza imsemmija billi tilqa' l-aggravji tieghu u kwindi tawtorizzah jipprezenta risposta guramentata skont il-ligi u jressaq il-provi tieghu;

Rat ir-risposta tal-atturi li permezz tieghu wara li eccepixxa li l-appell sar *fuori termine*, talab li s-sentenza tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**L-ECCEZZJONI LI L-APPELL GIE INTAVOLAT 'FUORI TERMINE'**

Kif inghad, l-appellat nomine qed jeccepixxi li l-appell gie intavolat 'fuori termine' ghaliex ghalkemm l-appellanti talbet il-permess biex tappella u dan gie moghti kif imsemmi, peress li din kienet sentenza u mhux digriet, il-parti telliefa ma kellhiex bzonn titlob il-permess biex tappella u allura l-ghoxrin gurnata bdew jiddekorru mid-data tal-istess sentenza – kwindi abbundantament aktar minn ghoxrin gurnata qabel sar l-appell; jew alternattivament fl-aktar ipotesi favorevoli ghal appellant, it-talba biex isir l-appell kellha issir mhux aktar minn sitt ijiem wara.

Huwa evidenti li jekk din il-Qorti tilqa' din il-pregudizzjali, hija tieqaf mid-deliberazzjonijiet taghha. L-appellat nomine qed isejjes l-posizzjoni tieghu principalment fuq l-Artiklu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jsostni li l-provvediment li qed isir appell minnu <u>mhuwiex digriet izda sentenza</u>; dan is-subinciz jghid hekk;

> "*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata ssentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*"

L-appellat nomine jkompli jghid illi allura huwa applikabbli l-Artiklu 231; dan infatti jipprovdi hekk:

> "*(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell: Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh.*"

L-appellat jghid fir-risposta tieghu li t-talba ta' Dr Micallef saret wara s-sitt ijiem indikati minn dan l-artiklu (fis-7 ta' Mejju 2015 meta d-decizjoni inghatat fit-30 ta' April 2015) u allura l-procedura kollha li adotta hija irrita u nulla. Jekk l-appellat ghandu ragun u d-decizjoni in kwistjoni hija sentenza u mhux digriet ma hemmx dubbju li r-rikors allura sar tardivament ghaliex is-sitt ijiem ghaddew gurnata qabel ma gie prezentat ir-rikors.

Din il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza fir-rigward u apparti xi sentenza sporadika, jidher li huwa tista' tghid pacifiku li decizjoni dwar jekk il-konvenut ghandux jisporga l-kontumacja tieghu hija sentenza u mhux digriet.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Patrick Buttigieg v. Clifton Barbara** deciza fis-6 ta' Ottubru 2010 il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri (PS) qalet hekk;

> "*1. Fl-ewwel lok, nonostante li t-Tribunal isejjahlu "digriet", rettament u proceduralment il-provvediment li jkun iddetermina l-istat kontumacjali ta' l-imharrek huwa veru u proprju sentenza, u mhux semplici digriet. Ara "**Alfred Gatt nomine -vs- Salvino Sullivan et nomine", Appell Kummercjali, 27 ta' April, 1987** u "**Pullicino nomine -vs- Mifsud nomine", Appell Kummercjali, 29 ta' Frar, 1984**;*
>
> "*2. Il-ligi tal-procedura tesigi, ex-Artikolu 231 (1) tal-Kapitolu 12 illi "jekk diversi kwestjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghaddi mill-jum li tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell";*"

Din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 1986 fis-sentenza fl-ismijiet **Mizzi nomine v. Navarro** qalet illi d-decizjoni li biha l-Qorti tiddikjara li l-konvenut ma iggusitifkax il-kontumacja tieghu "*ma tistax tigi ikkunsidrata bhal semplici digriet interlokutorju … imma bhala veru u propjra sentenza li minnha jsir appell bil-procedura tan-nota u l-petizzjoni ta' l-appell*" (naturalment illum bir-rikors tal-appell). Madankollu forsi l-aktar pronunzjament car dwar kaz bhal dan huwa fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-3 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet **Carmelo Galea v. Olga Agius et**, fejn il-Qorti qalet;

> "*Issa, ma hemmx dubbju li d-decizjoni appellata hija sentenza u mhux digriet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta' Jannar, 1986 fil-kawza fl-ismijiet A**lbert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro**, decizjoni ta' Qorti ta' l-ewwel grad dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja mhix semplici digriet interlokutorju, izda sentenza vera u proprja. Bhala tali – u indipendentement mill-Artikolu 231(1) – ir-rikors ta' appell kellu jigi prezentat fi zmien ghoxrin*

> *jum mid-data ta' dik is-sentenza – Artikolu 226 (1), Kap. 12. F'kaz fejn ikun hemm bzonn il-permess skont l-Art. 231(1), xorta wahda l-appell irid jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza – ara f'dan ir-rigward* ***Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George noe v. Joseph Vella Galea et - Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Dicembru, 2003***" (Kien sar intervent legislattiv ftit wara din is-sentenza u allura s-sitwazzjoni tbiddlet fir-rigward tal-ahhar parti ta' dan il-bran)

Aktar il-quddiem il-Qorti tkompliet tghid;

> *"Dak li l-appellanti evidentement mhux qed japprezzaw hu li s-subartikolu (10) ta' l-229 japplika u jirreferi biss ghat-termini u zminijiet biex wiehed jappella minn digrieti u mhux ukoll minn sentenzi – u, kif diga' nghad, id-decizjoni tal-15 ta' Dicembru, 2003 kienet sentenza u mhux semplici digriet. In fatti dan is-subartikolu jipprovdi hekk: "Meta digriet interlokutorju jkun inghata in camera, dan ghandu ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu u ghall-ghanijiet tal-kalkolu ta' kull zmien li jkun hemm fih stabbilit, jitqies bhala li jkun inqara bil-miftuh fil-qorti fid-data ta' l-ewwel seduta ta' dik il-kawza li tigi minnufih wara li jkun inghata d-digriet mill-qorti in camera." Hu evidenti mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni li hawnhekk il-legislatur qed jirreferi ghall-kalkolu tat-termini ta' appell minn digrieti – u mhux minn sentenzi – stante li l-Artikoli 229 ("dan l-artikolu") jipprovdi biss ghal appelli minn digrieti. Isegwi, ghalhekk, li l-appell odjern gie pprezentat wara li kien skada t-terminu ta' ghoxrin jum stabbilit skont l-Artikolu 226(1).*"

Kwindi tajjeb jghid l-appellat nomine li l-appell odjern gie prezentat **fuori termine.** Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza deciza fis-6 ta' Frar 2008 fl ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**;

> "*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares* ***ad unguem****, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" (****"Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*** *Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas*

*prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);***

Kwindi l-eccezzjoni kontenuta fir-risposta ghall-appell jisthoqqilha tigi milqugha u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tiddelibera ulterjorment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjarah irritu u null ghaliex prezentat 'fuori termine' u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Tordna li l-kawza titkompla quddiem l-ewwel Qorti kif gia` ipprovdut minnha stess.

L-ispejjez ta' dan l-incident huma a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb